# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 17 ta' Jannar, 2018**

**Talba Nru:461/2017PM1**

**John Debono (ID Nru. 0774352(M))**

**Vs**

**Maria Camilleri (ID Nru. 0956247(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-29 ta' Settembru, 2017 illi l-intimata ghandha thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef euro (€4000) rapprezentanti somom mislufin mill-attur lill-istess intimata fuq bazi 'brevi manu' fl-14 ta' Dicembru, 2015 fir-rigward tas-somma ta' elf, tlett mija u hamsin euro (€1350) u fit-30 ta' Dicembru, 2015 fir-rigward tas-somma ta' elfejn, sitt mija u hamsin ewro (€2650) liema somma kellha tithallas lura sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar, 2016 flimkien mal-imghaxijiet dekoribbli sa mit-28 ta' Frar, 2016 u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1821/17 kontra l-intimata ingunta in subizzjoni u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv ukoll kontra l-istess intimata.

Illi l-intimata giet debitament ingunta in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimata giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deheret ghas-seduta tal-15 ta' Jannar, 2018 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mir-rapprezentant legali tal-attur fis-seduta tal-15 ta' Jannar, 2018 u fil-fatt l-intimata naqset li tidher sabiex tirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ra d-dokumenti ezebiti mal-avviz u mmarkati rispettivament Dok. 'A' u Dok. 'B'.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Illi fir-rigward tal-imghaxijiet legali, it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li jinsab deciz mill-Onor. Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet '**Fogg Insurance Agencies Limited noe. et. v. Paul Tabone**' fis-17 ta' Frar, 2003 u cioe` li l-imghaxijiet jiddekorru min-notifika ta` l-avviz u jaghmel tieghu il-konkluzjoni hemmhekk raggjunta. Allura t-Tribunal ser jordna li l-imghaxijiet dovuti mill-konvenut jibdew jiddekorru minn tali data san-notifika lill-intimata tal-ewwel interpellazzjoni gudizjarja lilha ukoll ai termini tal-art. 1141(2) tal-**Kodici Civili**.

Ghaldaqstant, salv ghal dak surreferit, peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-intimata thallas lill-attur is-somma ta' erbat elef euro (€4000) rapprezentanti somom mislufin mill-attur lill-istess konvenuta fuq bazi 'brevi manu' kif mitlub flimkien mal-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tan-notifika lill-intimata tal-ewwel interpellazzjoni maghmulha lilha u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-art. 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta bin-numru 1821/17 ukoll kontra l-istess intimata.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**